



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7407/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0076(NLE)

CLIMA 119
ENV 251
ENER 96
IND 82
COMPET 169
MI 215
ECOFIN 249
TRANS 163
AELE 13
CH 6

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 111 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom biex jiġu emendati l-Annessi III u IV tal-Ftehim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 111 final.

Mehmuż: COM(2022) 111 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.3.2022
COM(2022) 111 final

2022/0076 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom biex jiġu emendati l-Annessi III u IV tal-Ftehim

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom bil-ħsieb li jiġu emendati l-Annessi III u IV tal-Ftehim

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom

L-għan tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ("il-Ftehim") huwa li jikkollega s-Sistema tal-UE għall-iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (UE ETS) ma' dik Żvizzera, billi jippermetti li l-kwoti maħruġa fi skema waħda jkunu jistgħu jiġu skambjati u jintużaw għall-finijiet ta' konformità fl-oħra, u b'hekk jiġu estiżi l-opportunitajiet għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt, stabbilit fl-Artikolu 12 tal-Ftehim, għandu r-responsabbiltà li jamministra l-Ftehim u li jiżgura l-implimentazzjoni tiegħu. Jista' wkoll jiddeċiedi li jadotta annessi ġodda tal-Ftehim, jew li jemenda dawk eżistenti. Jista' jiddiskuti wkoll l-emendi tal-Artikoli tal-Ftehim, jiffaċilita l-iskambju tal-fehmiet dwar il-leġiżlazzjoni tal-Partijiet u jwettaq ir-rieżamijiet tal-Ftehim.

Il-Kumitat Konġunt huwa korp bilaterali magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet (l-UE u l-Iżvizzera). Għandu jkun hemm il-qbil taż-żewġ Partijiet dwar id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat Konġunt.

L-Artikolu 13(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jadotta Anness ġdid jew li jemenda Anness eżistenti ta' dan il-Ftehim. L-Artikolu 8(2) tal-Ftehim jistabbilixxi r-regoli dwar kif tiġi ġġestita l-informazzjoni sensittiva, li d-divulgazzjoni mhux awtorizzata tagħha tista' tikkawża livelli varji ta' dannu jew ħsara lill-interessi tal-Partijiet għall-Ftehim inkluż l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. It-tali informazzjoni teħtieġ il-protezzjoni kontra d-divulgazzjoni mhux awtorizzata fl-interessi tas-sigurtà ta' waħda mill-Partijiet. Il-Partijiet jassenjaw markatura sensittiva biex jipproteġu informazzjoni sensittiva f'konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà, il-livelli ta' sensittività u l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Annessi III u IV rispettivament.

Permezz tal-Avviż tas-Sigurtà C(2019) 1904 "Marking and handling of sensitive non-classified information", il-Kummissjoni Ewropea introduċiet markaturi tas-sigurtà ġodda biex jintużaw mis-servizzi tagħha. Peress li l-markatura hija biss ġuridikament eżegwibbli fil-Kummissjoni, hija rakkomandat biex jiġu stabbiliti arranġamenti xierqa ma' partijiet terzi barra mill-Kummissjoni fil-każ li informazzjoni sensittiva mhux klassifikata jkollha tiġi skambjata magħhom. Il-Ftehim, li jikkostitwixxi l-Kumitat Konġunt u li jistabbilixxi l-kompiti tiegħu, jipprovdi il-qafas meħtieġ u effettiv għal dan l-għan.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Waqf il-ħames laqgħa, li se sir fl-2022, jew aktar kmieni permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Kongunt¹, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni li temenda l-Annessi III u IV tal-Ftehim ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jirrestawra l-kompatibbiltà u l-konsistenza bejn ir-regoli tal-liġi u l-applikazzjoni Prattika tagħhom bil-ħsieb li jipproteġi l-informazzjoni sensittiva, b'mod partikolari kontra d-divulgazzjoni jew telf tal-integrità mhux awtorizzat. Bl-adozzjoni tal-Avviż tas-Sigurtà C(2019) 1904, il-Kummissjoni Ewropea bidlet il-markaturi tas-sigurtà ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata għal użu intern tal-Kummissjoni Ewropea.

Għal dan l-għan, l-Annessi III u IV tal-Ftehim għandhom jiġu emendati biex jirrestawra l-kompatibbiltà u l-konsistenza bejn ir-regoli tal-liġi u l-applikazzjoni Prattiki tagħhom u biex jipproteġi u jiżgura aktar l-effiċjenza u l-effettività tal-arranġamenti tax-xogħol bejn iż-żewġ naħat mingħajr ma jgħibu magħhom riskju li jikkompromettu l-livelli ta' sigurtà.

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-partijiet f'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim, li jipprevedi: "Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jadotta Anness ġdid jew li jemenda Anness eżistenti ta' dan il-Ftehim". Barra minn hekk, u f'konformità mal-Artikolu 12 (3) tal-Ftehim, id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat Konġunt fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim għandhom, mad-dħul fis-seħħ tagħhom, jorbtu lill-Partijiet.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ibbażata fuq din il-proposta mill-Kummissjoni tiddetermina l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fuq id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li għandha tittieħed fuq l-emendar tal-Annessi III u IV tal-Ftehim.

L-Artikolu 9(2) tal-Ftehim jistabbilixxi l-livelli ta' informazzjoni sensittività, f'konformità mal-Anness III għal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jagħmlu użu li jidentifikaw l-informazzjoni sensittiva li hi trattata u skambjata fil-Ftehim. L-Anness IV tal-Ftehim jipprovdi d-definizzjoni ta' livelli ta' sensittività tal-ETS f'termini ta' klassifikazzjoni tal-kunfidenzjalità u tal-integrità.

Il-bżonn biex jiġi skambjat l-informazzjoni sensittiva mhux klassifikata fil-qafas tal-Ftehim permezz tar-reġistru b'kollegament dirett stabbilit bejn il-Ftehim jirrekjedi is-salvagwardja tal-livell neċessarju tas-sigurtà biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' frodi, l-użu ħażin jew attività kriminali li tinvolvi r-reġistri, imma ukoll li tirrispondi għal inċidenti bħal dawn u l-protezzjoni tal-integrità b'kollegament dirett kif ukoll fuq suq kollegat. Għal dan l-għan, il-Ftehim jistabbilixxi l-livelli ta' sensittività u jipprovdi r-regoli rilevanti dwar kif għandha tiġi trattata l-informazzjoni sensittiva skont il-Ftehim. Hu espliċitament jiddefinixxi il-markaturi tas-sigurtà li jridu jintużaw fil-Ftehim, li huma identiċi għal dawk użati qabel l-adozzjoni tal-Avviż tas-Sigurtà C(2019) 1904. Wara l-adozzjoni tal-Avviż tas-Sigurtà C(2019) 1904, il-markaturi tas-sigurtà attwalment applikabbli fil-Kummissjoni Ewropea ma tikkorrispondix aktar għal dawk stabbiliti fil-Ftehim u għandhom jerġgħu ikunu kompattibbli. L-Avviż tas-Sigurtà C(2019) 1904 jirrakkomanda il-qbil bl-istess mod ma sieħba esterni.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kollegament tal-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tagħhom tal-25 ta' Jannar 2019 fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, disponibbli minn https://ec.europa.eu/clima/system/files/2021-07/20191201_ic_dec_rop_en.pdf u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1279 tat-18 ta' Settembru 2018, ĠU L 239 of 24.9.2018, p.8.

L-iżvilupp ta' suq internazzjonali tal-karbonju li jiffunzjona tajjeb permezz ta' kollegament minn isfel għal fuq tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet huwa għan fit-tul tal-politika tal-UE u tal-komunità internazzjonali, b'mod partikolari bħala mezz biex jintlaħqu l-oġettivi tal-klima tal-Ftehim ta' Pariġi. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 25 tad-Direttiva li tistabbilixxi l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (EU ETS) jipprevedi li l-EU ETS tiġi kkollegata ma' skemi oħrajn tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet diment li dawn ikunu obbligatorji, ikollhom limitu assolut tal-emissjonijiet, u jkunu kompatibbli, kif inhu l-każ tal-iskema Żvizzera. Wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fl-1 ta' Jannar 2020, l-imħatra tar-restawr tal-kompatibilità u l-konsistenza tirrappreżenta pass importanti lejn l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jistipula deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*².

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat Konġunt huwa korp imwaqqaf skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta huwa att b'effetti legali. L-att previst se jkun jorbot id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 12(3) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u fuq il-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun identifikabbli bħala ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9)

² Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma marbuta mal-ambjent.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. **Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-baży ġuridiċi tad-deċiżjoni proposta jkunu l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. **PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Peress li l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda l-Annessi III u IV tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, ikun xieraq li jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-addozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom biex jiġu emendati l-Annessi III u IV tal-Ftehim

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (il-“Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219³ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li mad-dħul fis-seħħ tagħhom, jorbtu lill-Partijiet.
- (3) Waqt il-ħames laqgħa, li se sir fl-2022, jew aktar kmieni permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Kongunt⁴, il-Kumitat Konġunt se jadotta id-deċiżjoni li temenda l-Annessi III u IV tal-Ftehim.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni dwar l-emendi tal-Annessi III u IV tal-Ftehim se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Huwa xieraq li tirrestawra l-kompatibbiltà u l-konsistenza bejn regoli tal-liġi u l-applikazzjoni prattiċi tagħhom b'fehma biex jipproteġi l-informazzjoni sensittiva, b'mod partikolari kontra divulgazzjoni mhux awtorizzata jew nuqqas ta' integrità.

³ ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tagħhom tal-25 ta' Jannar 2019 fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, disponibbli minn https://ec.europa.eu/clima/system/files/2021-07/20191201_ic_dec_rop_en.pdf u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1279 tat-18 ta' Settembru 2018, ĠU L 239 of 24.9.2018, p.8.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-ħames laqgħa tal-Kumitat Konġunt jew qabel permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Kongunt⁵, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-att ta' Kumitat Konġunt li tehmeż din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁵ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-Kollegament tal-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tagħhom tal-25 ta' Jannar 2019 fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, disponibbli minn https://ec.europa.eu/clima/system/files/2021-07/20191201_ic_dec_rop_en.pdf u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1279 tat-18 ta' Settembru 2018, ĠU L 239, 24.9.2018, p. 8.